MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 4/1994/4

**Falliment ta' Francis Galea**

**Vs**

**X**

Il-Qorti

Rat in-nota ta' Francis Galea presentat fl-1 ta' Marzu 1994 fejn huwa ddikjara li qieghed fi stat ta; falliment stante li kien waqaf li jaghmel pagamenti lill-kredituri tieghu.

Fl-istess nota l-imsemmi debitur indika u elenka l-kedituri tieghu.

Rat il-varji noti u rikorsi tad-diversi kredituri tad-debitur.

Rat in-nota tad-debitur tas-6 ta' Ottubru 1997 fejn indika li uhud mill-kredituri kienu thallsu, pero' kien ghad fadal kredituri ohra li jridu jithallsu.

Rat li l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino gie mahtur bhala perit legali b'dikriet tat-18 ta' Jannar 1999 bil-fakoltajiet soliti pero' b'mod specifiku sabiex jara jekk jistax iwassal il-partijiet ghal xi ftehim finali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Mejju 1999.

Rat il-provediment ta' din il-Qorti tal-21 ta' Jannar 2005 li bih gie ddikjarat il-falliment tad-debitur u gie appuntat bhala kuratur tal-falliment l-Avukat Dr Louis Cassar Pullicino u dan ai termini tal-artikolu 488 tal-Kodici tal-Kummerc. (Kapitolu 13 tal-ligijiet ta' Malta).

Rat in-nota tal-Kuratur tal-Falliment fejn gew indikati l-assi tal-fallut.

Rat il-provediment tal-24 ta' Ottubru 2008 fejn ai termini tal-artikolu 514 tal-imsemmi Kodici tal-Kummerc gew ammessi bhala f'dawn il-proceduri z-zewg kredituri li baqa tal-fallut u cioe' Medlands Development Limited u l-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-ammonti indikati fir-rikors rispettiv taghhom b'riserva tal-ammonti reklamati mir-Registratur ta' dawn il-Qrati ghal kull ammont dovutr lilu bhala spejjez ta' dawn il-proceduri.

Rat li gie nominat bhala Perit ekniku l-AIC Alan Saliba sabiex jaghmel il-valutazzjoni ta' bicca art propjeta' tal-fallut li tinsab Ghawdex.

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku fejn gie konkluz li l-valur tal-intier tal-art imsemmija hu ta' €170000.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Novembru 2009 minn fejn jirrizulta li l-Qorti gie infurmata li gie accertat li parti indiviza ta' bicca art f'Tal-Ibragg Malta tappartjeni ukoll lid-debitur jew il-fallut. Kwindi l-inkarigu moghti lill-Perit ekniku gie estiz sabiex issir ukoll valutazzjoni tal-bicca art f'Tal-Ibragg. L-istess Peit Tekniku ppresenta r-rapport

ulterjuri tieghu minn fejn jirrizulta li l-art f'Tal-Ibragg tikkonsisti f'razzett flimkien ta' ghalqa adiacenti giet stmata fis-somma ta' €180000.

Rat li s-socjeta' kreditrici Medlands developments Limited akkwistat il-kreditu tal-Kummissarju tat-Taxxi Interniu b'hekk giet surroggata fid-drittijiet tal-istess kreditur. B'hekk l-imsemmija socjeta' kreditrici saret l-unika kreditrici.

Rat ir-rikors tal-kuratur fallimentari tal-11 ta Gunju 2010 fejn gew elenkati l-assi rizultanti tal-fallut

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' 2010 minn fejn jirrizulta li d-debitur iddikjara li jaqbel li l-propjetajiet tieghu li huma indikati fl-imsemmi rikors tal-11 ta;' Gunju 2010 jigu asennjati lill-unika kreditrici li fadal cioe' lis-scjeta' Medland Developments ghas-saldu tal-kreditu minnha vvantat.

Rat li l-imsemmija socjeta' kreditrici ssollevat il-kwestjoni jekk ghandhomx jiddekorru imghaxxijiet wara li ddikjarat il-falliment.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza u d-domenti esibiti.

Rat li l-falliment gie differit sabiex issir l-assenjazzjoni finali.

Ikkunsidrat:-

Jigi ribadit li sabiex titqies it-talba tal-falliment hemm bzonn li d-debitur ikun fil-kummerċ, u li jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti (kif d'altronde ġie deciz fil-21 ta' Jannar 2005 minn din il-Qorti). Di piu' hi kostanti fil-gurisprudenza l-fehma li hu biżżejjed li l-kummerċjant ikun waqaf iħallas, u mhux meħtieġ li wieħed juri illi d-debitur m'għandux minn fejn iħallas[1]. Dan huwa konformi mal-

[1]**Falliment tan-Neguzjant Henry Shirley Furliss-Roe**, Qortital-Kummerċ 25 ta' April 1961, ċitata f' **Victoria sive Vivie armla ta' Carmelo Cremona et vs. Carmelo Chetcuti pro. et noe et**, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Jannar 2004

Art. 477 tal-Kodici tal-Kummerc. Kif intqal ukoll f'sentenzi oħra, l-fatt li jkunu saru xi ħlasijiet ma jfissirx illi "ipso facto" li l-kummerċjant m'għandux jitqies illi ma waqafx mill-ħlas tad-dejn. L-awturi u l-gurisprudenza huma konkordi li l-istat tac-cessazzjoni tal-pagament jikkonsisti fin-nuqqas ta' kummercjant li jissoddisfa puntwalment l-obbligu tal-hlas u dan jimmanifesta ruhu fir-rifjut tal-pagament. Skond is-sistema legali Maltija, l-istat ta' falliment jistabbilixxi ruhu invarjabbilment u indivizibilment quddiem l-interessati kollha, u bil-pjenezza ta' l-effetti u tal-konsegwenzi tieghu. Id-data ta' meta effettivament waqfu l-pagamenti ma gietx stabbilita b'mod car u ghalhekk id-data tad-dikjarazzjoni tal-falliment ghandha tittiehed bhala dik id-data cioe' l-1 ta' Marzu 1994.

Fir-rigward tal-kwestjoni sollevata mill-imsemmija socjeta' kreditrici fis-sens jekk ghandhomx jiddekorru imghaxxijiet wara d-dikjarazzjoni tal-falliment. Skond il-provedimenti ta' l-artikolu 537 tal-Kap 13 ma jidhirx li ghandhom jiddekorru interessi mid-data tad-dikjarazzjoni tal-falliment, In effett il-Qorti tal-Magistrati fil-kawza "Anthony Cachia vs Dr Andrew Chetcurti Ganado et nomine" deciza fit-8 ta' April 2008 irriteniet li ma jidhirx li tali kwestjoni hi regolata minn xi provediment tal-ligi. In effett mhux dovuti tali imghaxxijiet fil-kaz in kwestjoni stante li hu car li d-debitur qabel li l-propjetajiet tieghu jigu assenjati lis-socjeta' kreditrici ghas-saldu ta' dak kollu li kien dovut lill-istess socjeta' u cioe' inkluzi l-imghaxxijiet kollha li jistghu jkunu dovuti.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti kollha:-

Tipprovdi, li in vista ta' l-accettazzjoni tal-partijiet li ssir assenjazzjoni ta' sehem id-debitur fil-proprjeta' indikata fiz-zewg rapporti tal-Perit Tekniku Alan Saliba ghas-saldu ta' dak kollu li hu dovut mill-istess debitur lis-socjeta' kreditrici, billi tordna li s-sehem tal-kreditur mill-istess zewg propjetajiet jigu trasferiti lis-socjeta' kreditrici l Medland Developments Limited. Tordna illi l-ispejjez tar-Registratur tal-Qrati indikati minnu fir-rikors tieghu tal-8 ta'

Novembru 2007, kif ukoll l-ispejjez kollha tal-kawza inkluzi l-ispejjez tal-perit tekniku u tal-perit legali jigu mhallsa mill-ammont depozitat taht l-awtorita' tal-Qorti li gie ukoll indikat fil-kors tas-smiegh ta' dawn il-proceduri. Il-bilanc li jifdal mill-imsemmi depozitu ghandu jigi rilaxxjat favur ir-rikorrent. Tordna li l-kuntratt relativ jigi pubblikat mhux iktar tard minn tliet xhur mid-data ta' dan il-provediment u tinnomina biex jippublika l-istess kuntratt lin-Nutar Dr. Maria Spiteri u tinnomina lil Dr. Christine Calleja bhala kuratur deputat biex tidher ghal kull min jista jkun kontumaci fuq l-imsemmi kuntratt. Tordna li l-ispejjez kollha tal-kawza u tal-imsemmi kuntratt jithallsu mill-ammonti li gew depositati taht l-awtorita' tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------